



Brussell, 3 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9030/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0279(COD)**

**CODEC 1130
ASILE 65
MIGR 179
CADREFIN 78**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 78(2), il-punt (e), 79(2), il-punti (a), (b) u (c) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Frar 20212.
3. Il-Kumitat tar-Regġuni ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Marzu 20213.
4. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 11213/20 + ADD 1 u ADD 2.

² ĠU C 155, 30.4.2021, p. 58.

³ ĠU C 175, 7.5.2021, p. 32.

⁴ 8590/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill⁵ japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 21/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja jivvotaw kontra u bl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u Malta jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

-
- ⁵ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li l-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu emendi skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u "eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38), id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha jekk hijiex ser timplimenta l-kontenut ta' tali emendi jew le fil-mument tal-adozzjoni tal-emendi jew fi żmien 30 jum wara dan.
 - ⁶ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.